



Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKATA ĠENERALI KOKOTT

ippreżentati fis-17 ta' Novembru 2022¹

Kawża C-174/21

**Il-Kummissjoni Ewropea
vs**

Ir-Repubblika tal-Bulgarija

“Nuqqas ta’ Stat Membru li jwettaq obbligu – Miżuri li jirriżultaw mis-sentenza tal-5 ta’ April 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija (C-488/15, EU:C:2017:267) – Direttiva 2008/50/KE – Kwalità tal-arja ambjentali – Valuri limitu għall-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem – Materja partikolata fina (PM₁₀) – Eċċess – Ammissibbiltà tar-rikors – Intimazzjoni – Prova tal-ksur – Pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja – Rekwiżiti – Pagamenti ta’ penalità – Somma f’daqqa”

I. Introduzzjoni

1. Id-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali² tistipula valuri limitu għal ċerti sustanzi li jniġġsu fl-arja ambjentali u tirrikjedi li, fil-każ ta’ eċċess, l-Istati Membri jfasslu pjanijiet ta’ kwalità tal-arja sabiex il-perijodu ta’ nuqqas ta’ konformità jkun kemm jista’ jkun qasir.
2. Permezz tas-sentenza tagħha tal-5 ta’ April 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija (C-488/15, EU:C:2017:267), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, fiż-żoni u fl-agglomerazzjonijiet kollha tal-Bulgarija, il-valuri limitu applikabbli għall-materja partikolata fina (PM₁₀, jiġifieri l-partikoli ta’ daqs inqas minn 10 µm) kienu nqabżu b’mod sistematiku u kontinwu u li l-awtoritajiet responsabbli ma kinux fasslu pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja li huma suffiċjenti sabiex iwaqqfu dan il-ksur.
3. Fil-kawża preżenti, il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li l-Bulgarija ma kkonformatx ma’ dik is-sentenza. Hija titlob ukoll li l-Bulgarija tiġi kkundannata għall-ħlas ta’ somma f’daqqa u ta’ penalità ta’ kuljum sal-konformità kompleta mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.
4. Il-kawża tqajjem kwistjonijiet ġodda dwar l-ammissibbiltà ta’ rikors bħal dan, minħabba li, fl-ittra ta’ intimazzjoni tagħha, il-Kummissjoni ma lmentat dwar ebda eċċess tal-valuri limitu sa mill-imsemmija sentenza. Barra minn hekk, għandu jiġi ċċarat sa liema punt il-Kummissjoni,

¹ Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

² Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta’ Mejju 2008 dwar il-kwalità ta’ l-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa (ĠU 2008, L 152, p. 1).

indipendentement mill-allegazzjoni ta' eċċess ta' valuri limitu mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tista' tikkritika l-kwalità tal-pjanijiet tal-arja tal-Bulgarija u abbażi ta' liema kriterji għandu jiġi evalwat ilment bħal dan fil-kuntest ta' proċedura taħt l-Artikolu 260 TFUE.

II. Il-kuntest ġuridiku

5. L-Artikolu 13(1) tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali tobbliga lill-Istati Membri biex jikkonformaw ma' diversi valuri limitu ta' kwalità tal-arja:

“L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fiż-żoni u l-agglomerazzjonijiet kollha tagħhom, il-livelli tad-dijossidu tal-kubrit, PM_{10} , iċ-ċomb u l-monossidu tal-karbonju fl-arja ta' l-ambjent ma' jaqbżux il-valuri ta' limitu stabbiliti fl-Anness XI.

Fir-rigward tad-dijossidu tan-nitroġenu u l-benzina, il-valuri ta' limitu speċifikati fl-Anness XI ma jistgħux jinqabżu mid-dati speċifikati fih.

[...]”

6. Skont l-Anness XI tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali, il-valur limitu għal 24 siegħa ta' $50 \mu g/m^3$ ta' PM_{10} għall-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem ma għandux jinqabeż iktar minn 35 darba fis-sena. Il-valur limitu annwali ġie stabbilit għal $40 \mu g/m^3$ PM_{10} . Dawn il-valuri limitu ta' kwalità tal-arja huma applikabbli fil-Bulgarija abbażi tad-Direttiva 99/30³ sa mill-adeżjoni ta' dan l-Istat Membru mal-Unjoni fl-1 ta' Jannar 2007⁴.

7. L-Artikolu 23(1) tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali jipprevedi li, fil-każ li l-valuri limitu ta' kwalità tal-arja jinqabżu f'żoni jew agglomerazzjonijiet speċifiċi, għandhom jiġu stabbiliti pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja, sabiex jiġu osservati l-valuri li ġejjin:

“Fejn, fiż-żoni jew l-agglomerazzjonijiet stipulati, il-livelli ta' sustanzi li jniġġsu fl-arja ta' l-ambjent jaqbżu kwalunkwe valur ta' limitu jew valur immirat, kif ukoll kwalunkwe marġni rilevanti tat-tolleranza f'kull każ, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu stabbiliti pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja għal dawk iż-żoni u agglomerazzjonijiet sabiex jinkiseb il-valur ta' limitu jew valur immirat relatati speċifikati fl-Annessi XI u XIV.

Fil-każ ta' qabżiet ta' dawk il-valuri ta' limitu li għalihom id-data ta' skadenza sabiex jintlaħqu diġà tkun skadiet il-pjan ta' kwalità tal-arja għandu jistabbilixxi miżuri adegwati, sabiex il-perijodu tal-qabża jkun jista' jinżamm l-iqsar possibbli. [...]

Dawk il-pjanijiet għall-kwalità ta' l-arja għandhom jinkorporaw ta' l-anqas l-informazzjoni elenkata fit-Taqsima A ta' l-Anness XV [...]

[...]”

8. Skont l-Artikolu 27(2) tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali, l-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli għall-Kummissjoni, mhux iktar tard minn disa' xhur wara t-tmiem ta' kull sena, l-informazzjoni sabiex tiġi evalwata l-konformità mal-valuri limitu.

³ Direttiva tal-Kunsill 1999/30/KE tat-22 ta' April 1999 dwar il-valuri ta' limitu tad-dijossidu tal-kubrit, tad-dijossidu tan-nitroġenu u l-ossidi tan-nitroġenu, materji f'partiċelli u ċomb fl-arja ambjentali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 4, p. 164).

⁴ Sentenza tal-5 ta' April 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija (C-488/15, EU:C:2017:267, punt 75).

III. Is-sentenza tal-5 ta' April 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija (C-488/15, EU:C:2017:267)

9. Fis-sentenza tagħha tal-5 ta' April 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija (C-488/15, EU:C:2017:267) il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet li r-Repubblika tal-Bulgarija

- mill-fatt tan-nuqqas ta' osservanza sistematika u persistenti, mis-sena 2007 sas-sena 2014 inkluża, tal-valuri limitu ta' kuljum u annwali applikabbli għall-konċentrazzjonijiet ta' PM₁₀ fiż-żoni u fl-agglomerazzjonijiet BG0001 AG Sofija, BG0002 AG Plovdiv, BG0004 Tramuntana, BG0005 l-Lbiċ u BG0006 x-Xlokk,
- mill-fatt tan-nuqqas ta' osservanza sistematika u persistenti, mis-sena 2007 u sas-sena 2014 inkluża, tal-valur limitu ta' kuljum applikabbli għall-konċentrazzjonijiet ta' PM₁₀ fiż-żona BG0003 AG Varna u tal-valur limitu annwali matul is-snin 2007, 2008 u 2010 sa 2014 inkluża, fl-istess żona BG0003 AG Varna,

naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-dispożizzjonijiet magħqudin tal-Artikolu 13(1) u tal-Anness XI tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali,

- mill-fatt li l-qbiż tal-valuri limitu ta' kuljum u annwali applikabbli għall-konċentrazzjonijiet ta' PM₁₀ ppersistew fiż-żoni u fl-agglomerazzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq kollha, naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(1) ta' din id-direttiva u b'mod partikolari l-obbligu li tiżgura li l-perijodu ta' qbiż ikun l-iqsar possibbli, f'dak li jikkonċerna l-perijodu mill-11 ta' Ġunju 2010 sas-sena 2014 inkluża.

IV. Proċedura u t-talbiet

10. Wara s-sentenza tal-5 ta' April 2017, fuq talba tal-Kummissjoni, il-Bulgarija bagħtet kemm il-darba informazzjoni dwar il-konformità ma' dik is-sentenza.

11. Barra minn hekk, il-Bulgarija kompliet tibgħat lill-Kummissjoni informazzjoni dwar il-konċentrazzjonijiet ta' PM₁₀ mkejla. Skont l-indikazzjonijiet ipprovduti mill-Kummissjoni waqt is-seduta, dan l-Istat Membru bagħat informazzjoni b'mod partikolari f'Settembru 2018 dwar il-konċentrazzjonijiet imkejla għas-sena 2017, li madankollu kien għad kellhom isiru xi korrezzjonijiet fihom. Skont il-Kummissjoni, dawn il-korrezzjonijiet intbagħtu lilha fis-6 ta' Novembru 2018.

12. Madankollu, fid-9 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni intimat formalment lill-Bulgarija, skont l-Artikolu 260(2) TFUE, u ffixxat terminu li jiskadi fid-9 ta' Jannar 2019 sabiex din tkun tista' tibgħatilha t-tweġiba tagħha. Fuq talba tal-Bulgarija, il-Kummissjoni estendiet dan it-terminu sad-9 ta' Frar 2019.

13. F'din l-ittra ta' intimazzjoni, il-Kummissjoni stabbilixxiet li l-valuri limitu komplew jinqabżu fis-snin 2015 u 2016.

14. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkritikat lill-Bulgarija talli ma ressqitx quddiemha pjanijiet ġodda għal kwalità tal-arja, biex tittejjeb il-kwalità tal-arja. Il-Kummissjoni rrikonoxxiet li kienu tħabbru miżuri fuq il-livell nazzjonali, iżda kważi kollha kienu għadhom ma ġewx implimentati. U ma ntbagħtet ebda informazzjoni la dwar il-progress fl-implimentazzjoni u lanqas dwar

l-iskeda ta' żmien għat-tkomplija tal-implimentazzjoni. Nieqsa wkoll kienet informazzjoni dwar it-titjib mistenni fil-kwalità tal-arja u l-miżuri nnifishom ta' spiss ma kinux ċari. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni indikat fir-rigward ta' diversi miżuri li jenħtieġu riżorsi (finanzjarji) (għall-implimentazzjoni).

15. Fit-tweġiba tagħha, li waslet għand il-Kummissjoni fit-18 ta' Jannar 2019, il-Bulgarija indikat li l-valuri limitu kienu nqabżu wkoll fis-sena 2017, iżda ddikjarat li s-sitwazzjoni kienet qed titjeb għaliex il-livell tal-eċċess kien qiegħed jonqos.

16. Fir-rigward tal-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja, il-Bulgarija fakkret li fis-snin 2017 u 2018, hija kienet ssottomettiet programmi għal 19 il-belt b'kollox. Barra minn hekk, kienu qegħdin jitħejjew miżuri oħra fuq il-livell nazzjonali.

17. Madankollu, fil-21 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat dan ir-rikors u talbet li l-Qorti tal-Ġustizzja

- tikkonstata li, peress li ma ħaditx il-miżuri kollha meħtieġa sabiex teżegwixxi s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' April 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija (C-488/15, EU:C:2017:267), ir-Repubblika tal-Bulgarija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 260(1) TFUE fir-rigward taż-żoni u tal-agglomerazzjonijiet BG0001 Sofija, BG0002 Plovdiv, BG0004 Tramuntana, BG0005 il-Lbiċ u BG0006 ix-Xlokk;
- tikkundanna lir-Repubblika tal-Bulgarija tħallas lill-Kummissjoni somma f'daqqa ta' EUR 3 156 kuljum, mid-data tal-għoti tas-sentenza tal-5 ta' April 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija (C-488/15, EU:C:2017:267) sad-data tal-għoti tas-sentenza fil-kawża ineżami, jew, fil-każ li n-nuqqas ta' twettig ta' obbligu jiġi rrimedjat qabel, sal-31 ta' Diċembru tal-aħħar sena ta' nuqqas, iżda f'kull każ somma f'daqqa ta' mhux inqas minn EUR 653 000;
- tikkundanna lir-Repubblika tal-Bulgarija tħallas lill-Kummissjoni pagamenti ta' penali fl-ammont ta' EUR 5 677.20 kuljum għal kull żona fir-rigward tal-kwalità tal-arja, ikkalkolati mid-data tal-għoti tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża ineżami sad-data tal-eżekuzzjoni sħiħa tas-sentenza tal-5 ta' April 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija (C-488/15, EU:C:2017:267),
- tikkundanna lir-Repubblika tal-Bulgarija għall-ispejjeż tal-kawża.

18. Ir-Repubblika tal-Bulgarija titlob li r-rikors jiġi miċħud u li l-l-Kummissjoni tiġi kkundannata għall-ispejjeż.

19. Il-Polonja ssostni t-talbiet tal-Bulgarija.

20. Il-partijiet ippreżentaw is-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub u, bl-eċċezzjoni tal-Polonja, oralment, fis-seduta tal-21 ta' Settembru 2022.

V. Evalwazzjoni legali

21. Skont l-Artikolu 260(1) TFUE, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li Stat Membru jkun naqas milli jwettaq obbligu li jirriżulta mid-dritt tal-Unjoni, dak l-Istat ikun marbut li jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jikkonforma ma' dik is-sentenza. Għalkemm din id-dispożizzjoni

ma tispeċifikax it-terminu li fih għandu jkun hemm konformità mas-sentenza, l-interess f'applikazzjoni immedjata u uniformi tad-dritt tal-Unjoni jitlob li dan il-proċess ta' konformità jsir mingħajr dewmien u fl-iqsar żmien possibbli⁵.

22. Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx ħa l-miżuri neċessarji, hija tista' tadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja, skont l-Artikolu 260(2) TFUE, wara li tkun tat lil dak l-Istat l-opportunità li jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu. Il-Kummissjoni għandha tispeċifika l-ammont tas-somma f'daqqa jew ta' pagamenti ta' penali li għandu jitħallas mill-Istat Membru kkonċernat li hija tikkunsidra xieraq fiċ-ċirkustanzi.

23. Fil-kawża preżenti, il-Kummissjoni titlob li jiġi kkonstatat li l-Bulgarija ma kkonformatx ruħha għal kollox mas-sentenza tal-5 ta' April 2017 u li hija tiġi kkundannata għall-ħlas ta' somma f'daqqa u għal pagament ta' penali sal-konformità sħiħa mas-sentenza. Madankollu, it-talba tagħha ma tirrigwardax l-agglomerazzjoni BG03 Varna, li hemm riferiment għaliha fl-imsemmija sentenza, għaliex il-Bulgarija sostniet li l-valuri limitu għal PM₁₀ inkwistjoni kienu ġew irrispettati hemmhekk.

24. F'dan li ġej, l-ewwel għandha tiġi eżaminata l-ammissibbiltà ta' dan ir-rikors, imbagħad, il-fondatezza tiegħu u, fl-aħħar nett, il-kwistjoni dwar jekk u, jekk ikun il-każ, f'liema ammont għandhom jiġu imposti s-somma f'daqqa u/jew il-pagamenti ta' penali.

A. Fuq l-ammissibbiltà tar-rikors

25. Il-Bulgarija tqis li dan ir-rikors ma huwiex ammissibbli minħabba l-irregolarità tal-proċedura prekontenzjuża.

26. Skont l-Artikolu 260(2) TFUE, il-Kummissjoni għandha tagħti lill-Istat inkwistjoni l-opportunità li jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu qabel ma tadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja minħabba nuqqas ta' konformità ma' sentenza. Fl-opinjoni tal-Bulgarija, dan il-pass proċedurali huwa vvizzjat b'irregolarità, għaliex il-Kummissjoni qed tilmenta dwar il-konformità insuffiċjenti mas-sentenza tal-5 ta' April 2017, u b'hekk ksur tal-Artikolu 260 TFUE, iżda fl-ittra ta' intimazzjoni tagħha, ibbażat ruħha biss fuq l-eċċess tal-valuri limitu fis-snin 2015 u 2016.

27. Permezz ta' dan l-argument, il-Bulgarija ssostni li l-Kummissjoni tista' tintima lill-Istat Membru skont l-Artikolu 258 TFUE biss wara ksur tad-dritt tal-Unjoni. Dan ifisser li l-obbligu li l-Kummissjoni qiegħda tilmenta li ma twettaqx għandu jkun diġà tniisel⁶.

28. Madankollu, bil-kontra ta' dak li issostni l-Bulgarija, dan huwa l-każ hawnhekk.

29. Fil-fatt, huwa paċifiku li, meta l-Bulgarija ġiet intimata, fid-9 ta' Novembru 2018, hija diġà kellha l-obbligu li tikkonforma ruħha mas-sentenza tal-5 ta' April 2017. Huwa għal din ir-raġuni li l-Kummissjoni setgħet tinvoka nuqqas ta' twettiq ta' dan l-obbligu fl-ittra ta' intimazzjoni tagħha.

⁵ Sentenza tat-12 ta' Novembru 2019, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (Oqsma ta' mtieħen tar-riħ) (C-261/18, EU:C:2019:955, punt 123).

⁶ Digriet tat-13 ta' Settembru 2000, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi Il-Baxxi (C-341/97, EU:C:2000:434, punt 18); u s-sentenzi tal-15 ta' Frar 2001, Il-Kummissjoni vs Franza (C-230/99, EU:C:2001:100, punt 32); tas-27 ta' Ottubru 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (C-23/05, EU:C:2005:660, punt 7), u tal-5 ta' Diċembru 2019, Il-Kummissjoni vs Spanja (Pjanijiet għall-immaniġġar tal-iskart) (C-642/18, EU:C:2019:1051, punti 17 u 18).

30. Madankollu, l-argument tal-Bulgarija juri irregolarità oħra. Fil-fatt, fl-ittra ta' intimazzjoni tagħha tad-9 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni ma ssostniex li, sa minn dik is-sentenza, il-Bulgarija ma temmietx l-eċċess tal-valuri limitu li dwarhom kien hemm l-ilment fis-sentenza tal-5 ta' April 2017 (dwar dan ara 1). Mill-banda l-oħra, l-allegazzjoni li l-Bulgarija mid-data tas-sentenza ma tejbtx il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja b'mod suffiċjenti hija definittivament inkluża fl-ittra ta' intimazzjoni (dwar dan ara 2)

1. Valuri limitu

31. Permezz tal-ewwel motiv, il-Kummissjoni ssostni li, sa mis-sentenza tal-5 ta' April 2017, il-valuri limitu għall-materja partikolata fina (PM₁₀) skont Artikolu 13 u l-Anness XI tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali baqgħu jinqabżu, minkejja li dik is-sentenza kienet ikkonstatat ksur sistematiku u kontinwu ta' dawn il-valuri limitu.

32. Madankollu, fl-ittra ta' intimazzjoni tad-9 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni ma affermatx b'mod espliċitu li mis-sentenza tal-5 ta' April 2017 il-valuri limitu kienu fil-fatt inqabżu. Għall-kuntrarju, hija llimitat ruħha li titkellem dwar l-eċċess li seħħ fis-snin 2015 u 2016.

33. Dan l-eċċess jikkonċerna perijodu ta' żmien li għadu mhux kopert mis-sentenza tal-5 ta' April 2017. Tabilħaqq, huwa juri li l-ksur tal-valuri limitu u b'hekk ukoll tad-dritt tal-Unjoni baqa' għaddej. Madankollu, l-eċċess tal-valuri limitu fis-snin 2015 u 2016 ma jfissirx *ipso facto* li l-Bulgarija ma kkonformatx ruħha mas-sentenza tal-5 ta' April 2017. L-obbligu ta' konformità previst fl-Artikolu 260(1) TFUE jibda jkun effettiv biss mas-sentenza u jkopri l-perijodu ta' żmien ta' wara din.

34. Bl-istess mod, in-natura tal-ksur kontenzjuż, jiġifieri l-eċċess sistematiku u kontinwu tal-valuri limitu, ma tibdilx il-fatt li l-Kummissjoni kellha tinvoka ksur tal-valuri limitu wara s-sentenza tal-5 ta' April 2017. L-eċċess tal-valuri limitu fis-snin 2015 u 2016 juri tabilħaqq, li dan il-ksur kompli għaddej, fil-perijodu li jiġi minnufih wara sas-sena 2014, li kien is-suġġett tas-sentenza. Iżda dan l-eċċess għadu ma jikkostitwixxix, bħala tali, ksur tal-obbligu ta' konformità mas-sentenza.

35. Fi proċedura skont l-Artikolu 258 TFUE, tali ommissjoni tkun tikkostitwixxi difett proċedurali serju, għaliex f'tali proċedura l-ittra ta' intimazzjoni tiddekrivi għall-ewwel darba l-qafas tal-ksur tad-dritt tal-Unjoni kkontestat bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru, jiġifieri s-suġġett tat-tilwima⁷. Jekk il-Kummissjoni ma tidentifikax espliċitament il-ksur fl-ittra ta' intimazzjoni, din tal-aħħar ma tistax taqdi l-funzjoni tagħha.

36. Huwa minnu li l-proċedura prevista fl-Artikolu 260(2) TFUE hija differenti minn dik prevista fl-Artikolu 258, għaliex l-ewwel sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tistabbilixxi s-suġġett tat-tilwima⁸. Din il-konstatazzjoni hija, min-natura tagħha, ħafna iktar preċiża minn dik li tirriżulta mill-ittra ta' intimazzjoni skont l-Artikolu 258, peress li s-sentenza hija bbażata fuq il-preċiżjonijiet ulterjuri li jirriżultaw mill-proċedura prekontenzjuża u kontenzjuża. Għaldaqstant, il-ħtieġa li jiġi ppreċiżat is-suġġett tat-tilwima fl-ittra ta' intimazzjoni skont l-Artikolu 260(2) hija ta' inqas importanza.

⁷ Sentenza tas-17 ta' April 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Foresta ta' Białowieża) (C-441/17, EU:C:2018:255, punt 64).

⁸ Sentenzi tat-2 ta' Diċembru 2014, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-196/13, EU:C:2014:2407, punt 32), u s-sentenza tal-4 ta' Lulju 2018, Il-Kummissjoni vs Is-Slovakkja (C-626/16, EU:C:2018:525, punt 35).

37. Mill-banda l-oħra, il-konsegwenzi legali possibbli ta' proċedura skont l-Artikolu 260(2) TFUE huma ħafna iktar sinjifikattivi mill-konsegwenzi legali li jirriżultaw minn proċedura skont l-Artikolu 258, għaliex l-Artikolu 260 jippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja timponi somma f'daqqa u pagament ta' penali. Għaldaqstant, iċ-ċertezza legali u d-drittijiet ta' difiża tal-Istat Membru jeżiġu attenzjoni speċjali min-naħa tal-Kummissjoni fil-preżentazzjoni tas-suġġett tat-tilwima.

38. Huwa minnu li l-Bulgarija rrikonoxxiet il-fatt li l-Kummissjoni kkritikat il-konformità insuffiċjenti mal-valuri limitu sa mis-sentenza tal-5 ta' April 2017. Dan joħroġ b'mod partikolari mill-fatt li, fir-risposta tagħha, il-Bulgarija ssemmi l-konċentrazzjonijiet imkejla fis-sena 2017, jiġifieri rreferiet ukoll għall-perijodu ta' wara s-sentenza kontenzjuża. B'hekk, il-Bulgarija ma hijiex preklużi milli tiddefendi ruħha.

39. Madankollu, irregolarità li taffettwa l-ittra ta' intimazzjoni tal-Kummissjoni ma tistax tiġi rrimedjata *a posteriori* mill-Istat Membru. Dan ikun iwassal sabiex is-suġġett tat-tilwima jiġi ddefinit mhux mill-Kummissjoni iżda mill-Istat Membru.

40. Għaldaqstant hija biss il-Kummissjoni li setgħet tikkorreġi l-ommissjoni tagħha permezz ta' ittra ta' intimazzjoni supplimentari. Dan kien ikun relattivament faċli u mingħajr problemi għaliex, sadanittant, il-Bulgarija kienet bagħtet l-informazzjoni meħtieġa rigward is-sena 2017 u għaliex reġġu għaddew iktar minn sentejn bejn din ir-risposta u d-data tal-preżentata ta' dan ir-rikors. F'dan iż-żmien, kien ikun biżżejjed li l-Kummissjoni tibgħat ittra ta' intimazzjoni supplimentari sabiex tippreċiża s-suġġett tat-tilwima.

41. Waqt is-seduta, il-Kummissjoni sostniet li l-Bulgarija kienet bagħtet il-konċentrazzjonijiet imkejla għas-sena 2017 tard. Fil-fatt, din id-data ġiet ikkompletata biss wara l-korrezzjonijiet irċevuti fis-6 ta' Novembru 2018.

42. Il-fatt li l-Bulgarija ma ħaditx l-azzjonijiet korrettivi meħtieġa diġà qabel id-data tal-iskadenza, fl-aħħar ta' Settembru 2018, biex jintbagħtu l-valuri mkejla, jista' jiġi kkunsidrat bħala ksur tal-Artikolu 27(2) tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali. Jibqa' l-fatt li, meta hija ħarġet l-ittra ta' intimazzjoni, il-Kummissjoni diġà kellha fid-dispożizzjoni tagħha ċ-ċifri għas-sena 2017 u setgħet użat dawn iċ-ċifri bħala suġġett ta' din l-intimazzjoni. Bil-kontra, f'din l-ittra ta' intimazzjoni, il-Kummissjoni ma invokatx nuqqasijiet tal-Bulgarija meta din bagħtet il-valuri mkejla għas-sena 2017.

43. Barra minn hekk, il-Kummissjoni lanqas ipprovat turi eċċess tal-valuri limitu sa mis-sentenza tal-5 ta' April 2017 b'xi mod ieħor. Hija setgħet, pereżempju, mill-eċċess tal-valuri limitu fis-snin 2015 u 2016 flimkien mal-assenza ta' pjanijiet suffiċjenti dwar il-kwalità tal-arja, li hija tinvoka fil-kuntest tat-tieni motiv, tiddeđu li l-valuri limitu x'aktarx kienu ser jinqabżu wkoll fis-sena 2017. Jidher ukoll li wieħed ma jistax jeskludi li l-Kummissjoni nnifisha timmonitorja l-pubblikazzjoni tad-data dwar il-kwalità tal-arja mill-Istati Membri, skont l-Artikolu 26 tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali u minn din id-data toħroġ konklużjonijiet dwar il-konformità mal-valuri limitu, mingħajr ma tistenna l-komunikazzjoni uffiċjali taċ-ċifri.

44. B'hekk, minkejja l-intenzjonijiet ċari tal-Kummissjoni, fl-ittra ta' intimazzjoni kien hemm nieqes, fir-rigward tal-eċċess tal-valuri limitu, element deċiżiv għal proċedura prekontenzjuża skont l-Artikolu 260(2) TFUE, jiġifieri d-dikjarazzjoni li, skont il-Kummissjoni, il-valuri limitu kienu tabilħaqq inqabżu wara s-sentenza tal-5 ta' April 2017.

45. Għaldaqstant dan il-motiv ma huwiex ammisibbli minħabba l-irregolarità fil-proċedura prekontenzjuża.

2. Pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja

46. Permezz tat-tieni motiv, il-Kummissjoni ssostni li, anki wara s-sentenza tal-5 ta' April 2017 il-Bulgarija baqgħet ma kkonformatx mal-obbligu tagħha li jirriżulta mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(1) tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali. Il-Bulgarija ma ħasbitx biex toħloq pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja li jipprevedu miżuri xierqa sabiex il-perijodu tan-nuqqas ta' konformità jinżamm kemm jista' jkun qasir.

47. Għall-kuntrarju, il-Bulgarija tqis li minħabba l-ommissjoni tal-Kummissjoni, li ma kkritikatx eċċess tal-valuri limitu mis-sentenza tal-5 ta' April 2017 fl-ittra ta' intimazzjoni, dan il-motiv huwa wkoll inammissibbli.

48. Madankollu, b'mod differenti mill-eċċess tal-valuri limitu, il-Kummissjoni lmentat espliċitament li l-Bulgarija, fit-tieni paragrafu tat-tielet taqsima tal-ittra ta' intimazzjoni tad-9 ta' Novembru 2018, sa dik id-data ma kienet ippreżentat ebda pjan għdid suffiċjenti skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(1) tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali, li juri titjib sostanzjali fil-politika għat-tnaqqis u għall-immaniġġjar tat-tniġġis tal-arja permezz tal-PM₁₀⁹. Il-Kummissjoni introduċiet il-paragrafu li jmiss billi indikat li, sa dak iż-żmien, jiġifieri fil-perijodu bejn is-sentenza tal-5 ta' April 2017 u l-ittra ta' intimazzjoni, il-Bulgarija kienet ippreżentat wisq ftit miżuri ġodda u ma kienet implimentat kważi l-ebda waħda minnhom. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni rreferiet b'mod partikolari għall-adozzjoni tal-programm nazzjonali dwar il-kwalità tal-arja u għall-emendi fil-liġi dwar l-arja nadifa li kienu għadhom ma sarux¹⁰. Hija bbażat ruħha f'dan ir-rigward fuq informazzjoni mibgħuta lilha mill-Bulgarija fil-5 ta' Ġunju 2017, fit-8 ta' Marzu 2018 u fis-27 ta' Lulju 2018.

49. B'hekk, fl-ittra ta' intimazzjoni tad-9 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni indikat b'mod ċar li l-allegat ksur tal-obbligu li jiġu stabbiliti pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja jikkonċerna l-perijodu wara s-sentenza tal-5 ta' April 2017.

50. Huwa minnu li, fl-ittra ta' intimazzjoni, il-Kummissjoni tinvoka, b'mod partikolari, insostenn ta' dan l-ilment, element li l-valur probatorju tiegħu huwa limitat ħafna, jiġifieri l-eċċess tal-valuri limitu fis-snin 2015 u 2016.

51. Fil-fatt, li kieku l-valuri limitu ma kinux inqabżu iktar sa mis-sentenza tal-5 ta' April 2017, l-obbligu tal-ħolqien ta' pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja ma kienx ikun applikabbli. Skont l-Artikolu 23 tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali, eċċess tal-valuri limiti huwa prerekwiżit għat-tnissil innifsu tal-obbligu tal-ħolqien ta' pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja.

⁹ Paġna 6 tal-ittra ta' intimazzjoni: “До момента обаче на Комисията не са представени нови планове по член 23 от Директива 2008/50/ЕО, които да показват значително подобрение на общата политика за намаляване и управление на замърсяването на въздуха с ПЧ10”.

¹⁰ Paġna 6 tal-ittra ta' intimazzjoni: “Комисията отбелязва, че до момента, след решението по дело C-488/15, са представени много малко нови мерки (които не са представени и оценени по време на процедурата по член 258 от ДФЕС) и почти всички все още не са изпълнени (приемане на Национална програма за качеството на въздуха, промени в Закона за чистотата на атмосферния въздух)”.

52. Madankollu, l-eċċessi fis-snin 2015 u 2016 jikkostitwixxu l-iktar l-iktar indizji dgħajfa ħafna bħala prova li wara s-sentenza tal-5 ta' April 2017 ma ġewx implimentati pjanijiet suffiċjenti dwar il-kwalità tal-arja. Ikkunsidrati wehldhom, huma ma humiex suffiċjenti sabiex jiġġustifikaw iż-żamma tal-obbligu tal-ħolqien ta' pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja previst fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(1) tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali u lanqas sabiex jipprovaw il-ksur ta' dan l-obbligu.

53. Madankollu, bil-kontra tal-punt dwar jekk il-Kummissjoni ppreċiżatx suffiċjentement il-ksur allegat, li hija għamlet f'dan il-każ, il-punt dwar jekk hija tinvokax provi validi insostenn ta' din l-allegazzjoni hija kwistjoni, mhux ta' ammissibbiltà, iżda ta' fondatezza ta' rikors.

54. B'mod partikolari, ma hemmx lok li jintalab li ittra ta' intimazzjoni skont l-Artikolu 260(2) TFUE tindika diġà b'mod komprensiv u eżawrjenti l-provi meħtieġa. Pjuttost, hija ġurisprudenza stabbilita dwar l-ewwel proċedura dwar ksur skont l-Artikolu 258 li l-ittra ta' intimazzjoni, li neċessarjament tista' tikkonsisti biss fl-ewwel sommarju qasir tal-ilmenti, ma tistax tiġi suġġetta għal rekwiżiti ta' preċiżjoni daqstant stretti bħal dawk li għandhom jiġu ssodisfatti fit-tieni stadju tal-proċedura prekontenzuża, jiġifieri mill-opinjoni motivata¹¹.

55. Dan jgħodd iktar u iktar għall-proċedura prevista fl-Artikolu 260(2) TFUE. Fil-fatt, fir-rigward ta' din il-proċedura, fit-Trattat ta' Lisbona l-Istati Membri neħħew ir-rekwiżit ta' opinjoni motivata sabiex jissemplifikawha¹². Madankollu, ikun inkompatibbli ma' tali semplifikazzjoni li l-ittra ta' intimazzjoni tiġi suġġetta għal rekwiżiti iktar stretti fil-qasam tal-prova ta' ksur.

56. Barra minn hekk, il-produzzjoni ta' provi ġodda intiżi sabiex juru b'mod ċar l-ilmenti magħmula mill-Kummissjoni fil-proċedura prekontenzuża tagħha ma tibdilx is-suġġett tat-tilwima¹³. Għall-kuntrarju, fil-kuntest ta' proċedura skont l-Artikolu 258 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li s-suġġett ta' rikors għal allegat nuqqas kontinwu ta' twettiq ta' obbligu jista' jiġi estiż ukoll għal fatti li seħħew wara l-għoti tal-opinjoni motivata, sakemm dawn ikunu tal-istess natura u jikkostitwixxu l-istess aġir bħall-fatti imsemmija minn din l-opinjoni¹⁴.

57. L-istess għandu japplika *mutatis mutandis* fil-kuntest tal-Artikolu 260(2) TFUE, peress li, f'din il-proċedura, il-Kummissjoni normalment hija obbligata mhux biss li tipprova l-ksur f'mument speċifiku, jiġifieri fl-iskadenza tat-terminu stabbilit fl-ittra ta' intimazzjoni. Għall-kuntrarju, l-impożizzjoni ta' pagamenti ta' penali ta' teżiġi li l-Kummissjoni tipprova wkoll il-kontinwazzjoni tal-ksur sas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja¹⁵. Madankollu, il-provi għal dan ma jistgħux jeżistu fiż-żmien tal-ittra ta' intimazzjoni.

58. Għalhekk, skont l-Artikolu 128 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni u l-Istat Membru jistgħu, f'kull każ, jipproduċu provi ġodda, bħal, f'dan il-każ, pereżempju, il-provi tal-eċċess tal-valuri limitu fis-snin 2017 sa 2020, fir-rikors u fir-risposta u,

¹¹ Sentenzi tat-28 ta' Marzu 1985, Il-Kummissjoni vs L-Italja (274/83, EU:C:1985:148, punt 21); tat-8 ta' April 2008, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-337/05, EU:C:2008:203, punt 23), u tas-26 ta' April 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija (C-97/17, EU:C:2018:285, punt 19).

¹² Ara, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Il-Kummissjoni vs Is-Slovakkja (C-626/16, EU:C:2018:4, punti 39 sa 46).

¹³ Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' April 2005, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (C-494/01, EU:C:2005:250, punt 38).

¹⁴ Sentenzi tal-5 ta' April 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija (C-488/15, EU:C:2017:267, punt 43); tal-10 ta' Novembru 2020, Il-Kummissjoni vs L-Italja (Valuri limitu – PM₁₀) (C-644/18, EU:C:2020:895, punt 66); tat-3 ta' Ġunju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (Valuri limitu – NO₂) (C-635/18, mhux ippubblikata, EU:C:2021:437, punt 55), u tat-12 ta' Mejju 2022, Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija (Valuri limitu – SO₂) (C-730/19, mhux ippubblikata, EU:C:2022:382, punt 61).

¹⁵ Ara s-sentenzi tad-9 ta' Diċembru 2008, Il-Kummissjoni vs Franza (C-121/07, EU:C:2008:695, punt 27); tas-7 ta' Lulju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-369/07, EU:C:2009:428, punt 59); tas-17 ta' Novembru 2011, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-496/09, EU:C:2011:740, punt 42); tal-11 ta' Diċembru 2012, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-610/10, EU:C:2012:781, punt 96), u tat-28 ta' Novembru 2013, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (C-576/11, EU:C:2013:773, punt 43).

fil-każ ta' raġunijiet għad-dewmien, ukoll fir-replika u l-kontroreplika kif ukoll, eċċezzjonalment, wara l-għeluq tal-proċedura bil-miktub¹⁶. Il-Kummissjoni teħtieġ biss li tiżgura li l-provi li hija tipproduċi wara l-ittra ta' intimazzjoni ma jestendux is-suġġett tat-tilwima.

59. Madankollu, is-suġġett tat-tieni motiv joħroġ b'mod sufficjement ċar mill-ittra ta' intimazzjoni: il-Kummissjoni tikkritika lill-Bulgarija talli, mis-sentenza tal-5 ta' April 2017, naqset milli twettaq l-obbligu stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(1) tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali, sabiex jiġi żgurat il-ħolqien ta' pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja li jkun fihom miżuri xierqa biex jiġi żgurat li l-perijodu ta' nuqqas ta' konformità jinżamm qasir kemm jista' jkun. Provi ġodda li juru l-eżistenza ta' dan l-obbligu jew li jholqu dubji dwar il-kwalità ta' dawn il-pjanijiet ma jestendux is-suġġett tat-tilwima.

60. Barra minn hekk, fl-ittra ta' intimazzjoni, il-Kummissjoni diġà kienet invokat, minbarra l-eċċessi tal-2015 u tal-2016, provi oħra, jiġifieri, b'mod partikolari, l-indikazzjonijiet tal-Bulgarija li l-biċċa l-kbira tal-miżuri nnotifikati kienu għadhom ma ġewx adottati u l-insuffiċjenza, fil-fehma tagħha, tal-miżuri diġà adottati.

61. Jekk din l-allegazzjoni hija korretta, dan jista', flimkien max-xejra osservabbli tas-snin 2015 u 2016, juri li l-Bulgarija kellha tkompli tistabbilixxi pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja u li l-pjanijiet Bulgariji dwar il-kwalità tal-arja ma kinux konformi mar-rekwiżiti tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(1) tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali. Min-naħa l-oħra, l-inċertezza dwar jekk il-valuri limitu humiex ser jibqgħu jinqabżu ma għandhiex tkun biżżejjed sabiex jiġi kkonfutat dan l-argument. Inkella jkun kważi Prattikament impossibbli li tali obbligi jiġu infurzati, għaliex la l-Kummissjoni, fiż-żmien tal-intimazzjoni, u lanqas il-Qorti tal-Ġustizzja, fiż-żmien tas-sentenza tagħha¹⁷, ma jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom kejl aġġornat. Huma għandhom, pjuttost, dejjem jirreferu għal valuri mill-passat. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jikkompromettu l-infurzar tal-obbligi imposti fuqhom skont l-Artikolu 23 sempliċement billi jwaqqfu t-teħid ta' kampjuni tal-kwalità tal-arja jew idewmu l-komunikazzjoni tal-valuri mkejla, jekk dawn il-valuri mkejla jkunu kundizzjoni indispensabbli biex jiġi stabbilit l-obbligu.

62. Għalhekk, il-Kummissjoni esponiet b'mod suffiċjenti l-allegat ksur fl-ittra ta' intimazzjoni tad-9 ta' Novembru 2018.

3. Konklużjoni intermedja

63. Konsegwentement, ir-rikors huwa ammissibbli sa fejn il-Kummissjoni ssostni li l-Bulgarija għada ma kkonformatx mal-obbligi imposti fuqha taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(1) tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali, għall-ħolqien ta' pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja li fihom miżuri xierqa biex il-perijodu ta' nuqqas ta' konformità jinżamm qasir kemm jista' jkun. Min-naħa l-oħra, l-allegazzjonijiet insostenn tal-motiv ibbażat fuq l-eċċess tal-valuri limitu huma inammissibbli.

¹⁶ Ara s-sentenzi tal-10 ta' Novembru 2016, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-504/14, EU:C:2016:847, punti 20 sa 26), u tal-14 ta' Novembru 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-93/17, EU:C:2018:903, punt 37).

¹⁷ Sentenza tas-17 ta' Ottubru 2013, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-533/11, EU:C:2013:659, punti 65 u 74).

B. Konformità mas-sentenza tal-5 ta' April 2017

64. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet dwar l-ammissibbiltà, is-suġġett ta' din it-tilwima huwa limitat għall-kwistjoni dwar jekk, sa mis-sentenza tal-5 ta' April 2017, il-Bulgarija kkonformatx mal-obbligi tagħha skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(1) tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali.

65. Din id-dispożizzjoni tipprevedi li, fil-każ li l-livelli ta' sustanzi niġġiesa fl-arja ambjentali jeċċedu l-valuri limitu f'żona jew agglomerazzjoni speċifika, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li joħolqu pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja għal din iż-żona jew agglomerazzjoni li jipprevedu miżuri xierqa sabiex il-perijodu ta' nuqqas ta' konformità jinżamm qasir kemm jista' jkun.

66. Id-data ta' referenza għall-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' nuqqas ta' twettq ta' obbligu fis-sens tal-Artikolu 260(2) TFUE hija dik tal-iskadenza tat-terminu stabbilit fl-ittra ta' intimazzjoni maħruġa skont din id-dispożizzjoni¹⁸. F'dan il-każ, dan il-perijodu ntemm fid-9 ta' Frar 2019 (dwar dan ara 1 hawn taħt).

67. Is-sitwazzjoni fil-mument tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja f'din il-proċedura hija wkoll determinanti għall-eżami tal-impożizzjoni ta' somma f'daqqa u/jew ta' pagamenti ta' penalità skont l-Artikolu 260(2) TFUE. B'mod partikolari, il-pagament ta' penalità huwa ġġustifikat biss sa fejn in-nuqqas ta' twettq ta' obbligi li jirriżulta min-nuqqas ta' konformità mas-sentenza preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja għadu jkompli illum (dwar dan ara 2 hawn taħt)¹⁹.

1. Konformità mas-sentenza tal-5 ta' April 2017 fl-iskadenza tat-terminu

68. Fid-9 ta' Frar 2019, il-Bulgarija kienet għadha ma kkonformatx mal-obbligi tagħha stabbilit fis-sentenza tal-5 ta' April 2017, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(1) tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali, biex jiġi żgurat l-ħolqien ta' pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja li jkun fihom miżuri biex jiġi żgurat li l-perijodu ta' nuqqas ta' konformità jibqa' qasir kemm jista' jkun.

a) Kontinwazzjoni tal-obbligi li jirriżulta mill-Artikolu 23 tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali

69. Sa fejn, fl-ittra ta' intimazzjoni, il-Kummissjoni ma semmietx eċċessi tal-valuri limitu sa mis-sentenza tal-5 ta' April 2017, wieħed jista' jiddubita jekk l-obbligu previst fl-Artikolu 23 tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali baqax jeżisti fid-9 ta' Frar 2019. Madankollu, irrISPETTIVAMENT mill-indikazzjonijiet indiretti għal dan l-obbligu li jinsabu fl-ittra ta' intimazzjoni²⁰, issa ma hemm l-ebda kontestazzjoni li l-valuri limitu inqabżu kontinwament sal-2020 fiż-żoni u l-agglomerazzjonijiet kollha kkonċernati f'din il-proċedura²¹. Għalhekk, fid-9 ta' Frar 2019, il-Bulgarija kellha tiżgura li jitfasslu pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja li jkunu konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 23 tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali.

¹⁸ Sentenzi tal-11 ta' Diċembru 2012, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-610/10, EU:C:2012:781, punt 67), u tat-22 ta' Frar 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-328/16, EU:C:2018:98, punt 49).

¹⁹ Sentenzi tad-9 ta' Diċembru 2008, Il-Kummissjoni vs Franza (C-121/07, EU:C:2008:695, punt 27); tas-7 ta' Lulju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-369/07, EU:C:2009:428, punt 59); tas-17 ta' Novembru 2011, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-496/09, EU:C:2011:740, punt 42); tal-11 ta' Diċembru 2012, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-610/10, EU:C:2012:781, punt 96), u tat-28 ta' Novembru 2013, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (C-576/11, EU:C:2013:773, punt 43).

²⁰ Ara l-punti 60 u 61 ta' dawn il-konklużjonijiet.

²¹ Tabelli 1 u 2 tat-talba tal-Kummissjoni, kif ukoll Annessi B.3 u B.4 tar-risposta tal-Bulgarija.

70. Il-fatt li, fl-ittra ta' intimazzjoni tad-9 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni bbażat ruħha biss fuq il-kejl tas-snin 2015 u 2016 ma jipprekludix it-teħid inkunsiderazzjoni tal-kejl meħud fis-snin 2017 sa 2020 sabiex jiġi pprovat l-obbligu tal-Bulgarija li toħloq pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja. L-użu ta' dan il-kejl sussegwenti ma jservix biex jiġi stabbilit formalment ksur tal-valuri limitu taħt l-Artikolu 13 tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali, iżda huwa biss prova tal-obbligu li huwa invokat, previst fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(1) li jinħolqu pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja²².

71. Is-sentenzi dwar il-ksur tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali, mogħtija taħt l-Artikolu 258 TFUE, jikkonfermaw li dan it-tip ta' produzzjoni ta' prova hija possibbli. Fil-fatt, anki fil-proċedura prekontenzjuża prevista fl-Artikolu 258 TFUE, fl-iffissar tat-terminu rilevanti fl-opinjoni motivata, il-Kummissjoni għad ma jkollhiex fid-dispożizzjoni tagħha kejl li juri li, fl-iskadenza ta' dan it-terminu, il-valuri limitu ser ikunu għadhom jinqabżu²³. Fil-fatt, skont l-Artikolu 27(2) tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali, l-Istati Membri huma obbligati jikkomunikaw dawn il-valuri mkejla lilha biss disa' xhur wara t-tmiem tas-sena inkwistjoni. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat eċċess sad-data rilevanti²⁴ u ksur tal-obbligu li jinħolqu pjanijiet xierqa dwar il-kwalità tal-arja²⁵ abbażi taċ-ċifri ppreżentati iktar tard.

b) Ksur tal-obbligu li jirriżulta mill-Artikolu 23 tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali

72. Kif tenfasizza ġustament il-Kummissjoni, l-eċċess tal-valuri limitu sal-2020 huwa wkoll indizju serju li l-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja fis-seħħ fid-9 ta' Frar 2019 ma kinux suffiċjenti sabiex iżommu l-perijodu ta' nuqqas ta' konformità qasir kemm jista' jkun²⁶.

73. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet b'mod konsistenti li l-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja jistgħu jtfasslu biss abbażi ta' bilanċ bejn l-għan li jitnaqqas il-periklu ta' tniġġis u d-diversi interessi pubbliċi u privati kkonċernati. Għalhekk, f'analiżi ta' kull każ individwali, għandu jiġi eżaminat jekk il-pjanijiet imfassla mill-Istat Membru kkonċernat humiex konformi mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(1) tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali²⁷.

²² Rigward il-prova, ara l-punti 56 sa 58 ta' dawn il-konklużjonijiet.

²³ Sentenzi tal-5 ta' April 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija (C-488/15, EU:C:2017:267, punt 26); tal-10 ta' Novembru 2020, Il-Kummissjoni vs L-Italja (Valuri limitu – PM₁₀) (C-644/18, EU:C:2020:895, punt 21), u tat-12 ta' Mejju 2022, Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija (Valuri limitu – SO₂) (C-730/19, mhux ippubblikata, EU:C:2022:382, punt 24).

²⁴ B'mod partikolari s-sentenza tat-3 ta' Ġunju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (Valuri limitu – NO₂) (C-635/18, mhux ippubblikata, EU:C:2021:437, punti 47 sa 58), kif ukoll is-sentenzi tal-5 ta' April 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija (C-488/15, EU:C:2017:267, punt 71); tal-10 ta' Novembru 2020, Il-Kummissjoni vs L-Italja (Valuri limitu – PM₁₀) (C-644/18, EU:C:2020:895, punt 72), u tat-12 ta' Mejju 2022, Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija (Valuri limitu – SO₂) (C-730/19, mhux ippubblikata, EU:C:2022:382, punt 65).

²⁵ B'mod partikolari s-sentenza tat-3 ta' Ġunju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (Valuri limitu – NO₂) (C-635/18, mhux ippubblikata, EU:C:2021:437, punt 144), kif ukoll is-sentenzi tal-5 ta' April 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija (C-488/15, EU:C:2017:267, punt 115); tal-10 ta' Novembru 2020, Il-Kummissjoni vs L-Italja (Valuri limitu – PM₁₀) (C-644/18, EU:C:2020:895, punt 138), u tat-12 ta' Mejju 2022, Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija (Valuri limitu – SO₂) (C-730/19, mhux ippubblikata, EU:C:2022:382, punt 134).

²⁶ Ara s-sentenzi tal-5 ta' April 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija (C-488/15, EU:C:2017:267, punt 115); tal-10 ta' Novembru 2020, Il-Kummissjoni vs L-Italja (Valuri limitu – PM₁₀) (C-644/18, EU:C:2020:895, punt 145), u tat-12 ta' Mejju 2022, Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija (Valuri limitu – SO₂) (C-730/19, mhux ippubblikata, EU:C:2022:382, punti 136 u 137).

²⁷ Sentenzi tal-5 ta' April 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija (C-488/15, EU:C:2017:267, punti 106, 107 u 108); tal-10 ta' Novembru 2020, Il-Kummissjoni vs L-Italja (Valuri limitu – PM₁₀) (C-644/18, EU:C:2020:895, punti 134, 135 u 137), u tat-12 ta' Mejju 2022, Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija (Valuri limitu – SO₂) (C-730/19, mhux ippubblikata, EU:C:2022:382, punti 130, 131 u 133).

74. Huwa minnu li l-Istati Membri għandhom ċertu marġni ta' manuvra fid-determinazzjoni tal-miżuri li għandhom jiġu adottati. Fi kwalunkwe każ, dawn il-miżuri għandhom jagħmluha possibbli li l-perijodu ta' nuqqas ta' konformità mal-valuri limitu jinżamm qasir kemm jista' jkun²⁸; taħt l-ebda ċirkustanza ma jista' jiġi estiż b'mod indefinit²⁹.

75. Fis-sentenza tagħha tal-5 ta' April 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet diġà ddeċidiet li, sa u inkluż l-2014, il-Bulgarija kienet kisret dan l-obbligu fir-rigward tal-konċentrazzjonijiet ta' PM₁₀³⁰. Madankollu, dan ma jfissirx li, mis-sentenza, il-Bulgarija ma kinitx għadha tista' tippreżenta pjan biex tikkonforma mal-obbligi tagħha skont l-Artikolu 23 tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali. Pjuttost, huwa fin-natura tal-proċedura skont l-Artikolu 260 TFUE li l-Istat Membru kkonċernat jista' (u għandu) jieħu miżuri li, għalkemm ġeneralment tardivi biex jipprevjenu l-ksur, tal-inqas itemmuh. Għalhekk, it-traspożizzjoni tardiva ta' direttiva ma tistax tirmiedja n-nuqqas ta' osservanza tat-terminu, iżda tista' telimina r-raġuni għal proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu.

76. Madankollu, fid-9 ta' Frar 2019, il-Bulgarija kienet għadha ma ħaditx il-miżuri neċessarji sabiex ittemm l-ksur tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(1) tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali, stabbilit fis-sentenza tal-5 ta' April 2017.

77. Fil-fatt, f'dak iż-żmien, il-miżuri nazzjonali kollha meħtieġa li jagħmlu parti mill-istrateġija Bulgara għall-konformità mas-sentenza tal-5 ta' April 2017 ma kinux ġew adottati jew, mill-inqas, mhux kollha. Dawn il-miżuri jikkonsistu, b'mod partikolari, fi programmi nazzjonali intiżi għat-titjib tal-kwalità tal-arja u għas-sostituzzjoni ta' ċerti sistemi tat-tisħin, kif ukoll f'regoli dwar id-disinn ta' fran tat-tisħin għal karburanti solidi u dwar il-kwalità tal-fjuwils. Peress li, fit-tweġiba tagħha għall-ittra ta' intimazzjoni tal-Kummissjoni, il-Bulgarija qieset dawn il-miżuri bħala essenzjali għall-konformità mas-sentenza tal-5 ta' April 2017, għandu jitqies li, fl-assenza ta' dawk il-miżuri, il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja ma kinux kompleti.

78. Għalhekk ma hemmx bżonn ta' eżami tal-kontenut ta' dawk il-miżuri jew tal-pjanijiet lokali dwar il-kwalità tal-arja u lanqas ta' diskussjoni dwar il-perijodu ta' żmien mistenni sal-konformità mal-valuri limitu.

c) Konklużjoni intermedja

79. Għalhekk għandu jiġi konkluż li, fid-9 ta' Frar 2019, il-Bulgarija ma kinitx ikkonformat b'mod sħiħ mas-sentenza tal-5 ta' April 2017 dwar l-obbligu tagħha taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(1) tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali.

2. Is-sitwazzjoni attwali

80. Is-sitwazzjoni attwali għandha tiġi eżaminata sabiex tittieħed deċiżjoni dwar l-impożizzjoni ta' pagamenti ta' penalità. Għalkemm din il-kwistjoni ma tistax tiġi evalwata b'mod definittiv minħabba li, għas-sena kurrenti, il-valuri mkejla kollha għadhom ma humiex disponibbli, il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja adottati sadanittant u l-kejl l-iktar reċenti fihom indikazzjonijiet

²⁸ Sentenzi tal-5 ta' April 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija (C-488/15, EU:C:2017:267, punt 109); tal-10 ta' Novembru 2020, Il-Kummissjoni vs L-Italja (Valuri limitu – PM₁₀) (C-644/18, EU:C:2020:895, punt 136), u tat-12 ta' Mejju 2022, Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija (Valuri limitu – SO₂) (C-730/19, mhux ippubblikata, EU:C:2022:382, punt 132).

²⁹ Sentenza tal-10 ta' Novembru 2020, Il-Kummissjoni vs L-Italja (Valuri limitu – PM₁₀) (C-644/18, EU:C:2020:895, punt 154).

³⁰ Sentenza tal-5 ta' April 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija (C-488/15, EU:C:2017:267, punt 117).

importanti. Huwa minnu li l-biċċa l-kbira ta' dawn il-pjanijiet u l-valuri mkejla kienu għadhom ma humiex is-suġġett tal-intimazzjoni tad-9 ta' Novembru 2018. Madankollu, it-teħid inkunsiderazzjoni tagħhom ma jibdilx is-suġġett tat-tilwima³¹. Pjuttost, huma provi ġodda li juru sa liema punt dan is-suġġett tat-tilwima ġie solvut sadanittant³².

a) Nuqqas ta' konformità mal-valuri limitu

81. Immedjatament qabel is-seduta, fuq talba tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Bulgarija pprovdiet iċ-ċifri l-iktar reċenti għall-2021. Madankollu, peress li dawn iċ-ċifri għadhom provviżorji, huma ma jistax ikollhom rwol deċiżiv f'din il-proċedura³³. Madankollu, bla ħsara għall-finalizzazzjoni tagħhom, ma jistgħux jiġu injorati fl-evalwazzjoni ta' jekk il-ksur jipperpersistix.

82. Fir-rigward tal-valuri mkejla, il-valur limitu annwali kien diġà nqabeż fl-2020 biss fl-agglomerazzjoni BG0002 – Plovdiv, jiġifieri f'post fejn jittieħdu l-kampjuni fil-belt ta' Plovdiv stess. Iżda, anki hemmhekk, skont iċ-ċifri provviżorji għas-sena 2021, dan il-limitu ġie eventwalment irrispettat.

83. Min-naħa l-oħra, fl-2020 il-valuri limitu ta' kuljum kienu għadhom jinqabżu b'mod frekwenti wisq fiż-żoni u l-agglomerazzjonijiet kollha kontenzjużi, b'mod iktar preċiż f'Sofija, Asenovgrad, Plovdiv, Vidin, Montana, Gorna Oriahovica, Pernik, Smolyan, Haskovo, Pazardzhik u Burgas. Skont iċ-ċifri provviżorji għall-2021, ħafna minn dawn il-postijiet komplew juru eċċess frekwenti wisq tal-valuri limitu.

84. Madankollu, skont dawn iċ-ċifri, il-valuri limitu ta' kuljum inqas minn 35 jum fl-2021 f'Pernik u fil-muniċipalitajiet l-oħra taż-żona BG0006 – Bulgarija tax-Xlokk, Haskovo, Pazardzhik u Burgas (għat-tieni darba mill-2019). F'dan ir-rigward, jidher li għall-ewwel darba l-Bulgarija bbażat ruħha fuq il-fatt li wħud mill-eċċessi kkonstatati huma dovuti għal emissjonijiet minn sorsi naturali u għalhekk ma kellhomx jitqiesu bħala eċċess tal-valuri limitu skont l-Artikolu 20(2) tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali.

85. Tabilħaqq ma jistax jiġi eskluż li t-titjib f'dawn iż-żoni huwa biss temporanju. Madankollu, jekk iċ-ċifri għall-2021 jiġu kkonfermati, għall-inqas bl-informazzjoni disponibbli llum, mhux se jibqa' possibbli li jiġi stabbilit li l-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja għandhom ikomplu jittfasslu f'dawn iż-żoni.

b) Informazzjoni dwar l-effetti tal-miżuri msemmiya fit-Taqsima A tal-Anness XV tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali

86. Sa fejn il-valuri limitu ta' kuljum inqas minn 35 jum fl-2021, ukoll fl-2021, tqum il-kwistjoni dwar jekk il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja adottati sadanittant jissodisfawx madankollu r-rekwiżiti tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(1) tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali.

³¹ Ara l-punti 56 sa 58 ta' dawn il-konklużjonijiet.

³² Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Marzu 2021, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (Valuri limitu - NO₂) (C-664/18, mhux ippubblikata, EU:C:2021:171, punti 81 sa 84).

³³ Sentenza tat-3 ta' Ġunju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (Valuri limitu - NO₂) (C-635/18, mhux ippubblikata, EU:C:2021:437, punt 59).

87. Evalwazzjoni ta' din id-domanda tippreżupponi, b'mod partikolari, li l-pjanijiet jinkludu l-informazzjoni msemmija fit-Taqsima A tal-Anness XV tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali. L-informazzjoni inkwistjoni tiddokumenta, *inter alia*, l-oriġini tat-tniġġis (punti 5 u 6), analiżi tal-miżuri possibbli għat-titjib tal-kwalità tal-arja (punt 6) u l-miżuri adottati u implimentati (punti 7 sa 9), inkluża skeda ta' żmien u stima tat-titjib fil-kwalità tal-arja li għandu jintlaħaq (punt 8).

88. B'mod partikolari, fl-assenza ta' stima tat-titjib mixtieq fil-kwalità tal-arja u taż-żmien previst sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, skont il-punt 8(c) tat-Taqsima A tal-Anness XV tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali, huwa kważi impossibbli li jiġi evalwat jekk permezz tal-pjan il-perijodu jibqa' qasir kemm jista' jkun. Fil-fatt, mingħajr għarfien tal-miżuri meħtieġa għall-konformità mal-valuri limitu, lanqas ma huwa possibbli li jiġi evalwat jekk implimentazzjoni iktar rapida hijiex raġonevoli. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet ukoll li dik l-informazzjoni hija ta' importanza ċentrali³⁴.

89. Għaldaqstant, l-assenza ta' din l-informazzjoni hija neċessarjament parti mill-ksur tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(1) tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali, li l-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat fis-sentenza tagħha tal-5 ta' April 2017³⁵.

90. Għaldaqstant, il-Kummissjoni lmentat kemm fl-ittra ta' intimazzjoni³⁶ kif ukoll fil-proċedura kontenzjuża li din l-informazzjoni kienet assenti.

91. Madankollu, hija ma eżaminatx il-pjanijiet lokali dwar il-kwalità tal-arja.

92. Fil-kuntest ta' proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, madankollu, hija l-Kummissjoni li għandha ttipprova l-eżistenza tal-allegat nuqqas ta' twettiq ta' obbligu u li ttipprova lill-Qorti tal-Ġustizzja l-provi neċessarji sabiex tkun tista' tivverifika l-eżistenza tiegħu. Hija u tagħmel dan, il-Kummissjoni ma tista' tibbaża ruħha fuq l-ebda preżunzjoni³⁷. Dan japplika wkoll fil-kuntest ta' proċedura skont l-Artikolu 260 TFUE³⁸. Għal dik ir-raġuni biss, ilment li l-pjanijiet ta' kwalità tal-arja ta' Stat Membru ma humiex kompleti jeżiġi li l-Kummissjoni teżamina l-pjanijiet *kollha* tal-Istat Membru kkonċernat, jiġifieri mhux biss il-miżuri nazzjonali iżda wkoll il-pjanijiet lokali bbażati fuqhom.

93. Barra minn hekk, kif indika l-Gvern Bulgaru fuq talba tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-pjanijiet tad-diversi muniċipalitajiet jistgħu jiġu kkonsultati fuq l-internet. Jihder, *prima facie*, li huma jinkludu l-informazzjoni prevista fit-Taqsima A tal-Anness XV tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali. Barra minn hekk, ma jidhirx li huwa eskluż li ċerti dipartimenti tal-Kummissjoni setgħu kienu konxji ta' dan jew li saħansitra għenu biex jiġi żgurat li l-pjanijiet jissodisfaw dawk ir-rekwiżiti, peress li t-tfassil tal-pjanijiet jidher li kien appoġġjat b'fondi tal-Unjoni.

³⁴ Sentenzi tal-4 ta' Marzu 2021, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (Valuri limitu - NO₂) (C-664/18, mhux ippubblikata, EU:C:2021:171, punt 146); tat-3 ta' Ġunju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (Valuri limitu - NO₂) (C-635/18, mhux ippubblikata, EU:C:2021:437, punt 147), u s-sentenza tat-12 ta' Mejju 2022, Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija (Valuri limitu - SO₂) (C-730/19, mhux ippubblikata, EU:C:2022:382, punt 139). Ara wkoll, diġà, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija (C-488/15, EU:C:2016:862, punt 113). Ara wkoll is-sentenza tal-10 ta' Novembru 2020, Il-Kummissjoni vs L-Italja (Valuri limitu - PM10) (C-644/18, EU:C:2020:895, punt 141).

³⁵ Sentenza tal-5 ta' April 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija (C-488/15, EU:C:2017:267, punt 103).

³⁶ Introduzzjoni tat-Taqsima 3 u b'mod partikolari 3.2.

³⁷ Sentenzi tal-25 ta' Mejju 1982, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi (96/81, EU:C:1982:192, punt 6); tas-26 ta' April 2005, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (C-494/01, EU:C:2005:250, punt 41), u tas-17 ta' Diċembru 2020, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Akkoljenza tal-applikanti għal protezzjoni internazzjonali) (C-808/18, EU:C:2020:1029, punt 112).

³⁸ Sentenza tas-17 ta' Settembru 2015, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-367/14, mhux ippubblikata, EU:C:2015:611).

94. Għalhekk, il-Kummissjoni ma ssostanzjatx biżżejjed l-ilment li l-pjanijiet tal-Bulgarija dwar il-kwalità tal-arja ma fihomx l-informazzjoni meħtieġa taħt it-Taqsima A tal-Anness XV tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali.

c) L-adeqwatezza tal-miżuri Bulgari biex tinkiseb konformità mal-valuri limitu

95. L-assenza ta' eżami tal-pjanijiet lokali dwar il-kwalità tal-arja jimmina wkoll il-kritika tal-Kummissjoni dwar l-adeqwatezza tal-miżuri Bulgari sabiex tinkiseb konformità mal-valuri limitu. Fil-fatt, din il-kritika hija wkoll essenzjalment immirata biss lejn il-miżuri nazzjonali.

96. Madankollu, il-punt sa fejn dawn il-miżuri nazzjonali jikkonformaw mas-sentenza tal-5 ta' April 2017 jista' jiġi evalwat biss jekk jiġu eżaminati flimkien mal-pjanijiet lokali. Dan għaliex il-pjanijiet lokali jibnu fuq dawn il-miżuri u jqegħduhom fil-prattika. Fuq kollox, huwa biss fuq il-bażi tal-pjanijiet lokali li jista' jiġi evalwat jekk il-miżuri previsti fuq il-livell lokali, flimkien mal-miżuri fuq il-livell nazzjonali, humiex biżżejjed għal konformità mal-valuri limitu u, jekk ikun meħtieġ, iż-żmien meħtieġ għal dan. Huwa biss b'din l-informazzjoni li jista' jiġi diskuss b'mod utli jekk humiex meħtieġa miżuri addizzjonali fuq il-livell nazzjonali.

97. Peress li l-Kummissjoni ma teżaminax dawn l-istimi lokali, il-kritika tagħha dwar l-adeqwatezza tal-miżuri nazzjonali hija nieqsa mill-bażi neċessarja.

98. F'dan ir-rigward ukoll, l-argumenti tagħha għandhom għalhekk jiġu miċħuda.

d) Perijodu ta' nuqqas ta' konformità

99. Peress li l-Kummissjoni ma toġġezzjonax għall-previżjonijiet tal-pjanijiet lokali, jista' jiġi preżunt li l-pjanijiet attwali – kif sostnut b'mod ġenerali mill-Bulgarija – jippermettu l-previżjoni tal-konformità mal-valuri limitu qabel l-2024.

100. Għalhekk għad għandu jiġi ċċarat jekk, fil-każ tal-konformità mal-valuri limitu qabel l-2024, il-perijodu ta' nuqqas ta' konformità jinżammx qasir kemm jista' jkun. Peress li dan għandu jiġi evalwat fil-kuntest tal-konformità mas-sentenza tal-5 ta' April 2017, id-deċennju ta' eċċess tal-valuri limitu qabel dik is-sentenza ma jitteħidx inkunsiderazzjoni għal dan il-għan.

101. Madankollu, abbażi tal-għanijiet tal-miżuri adottati mill-Bulgarija, anki fil-perijodu li jibda fil-5 ta' April 2017, il-valuri limitu mhux ser jiġu osservati għal perijodu ta' kważi seba' snin.

102. Huwa minnu li dan il-perijodu huwa twil. Madankollu, fid-dawl tal-marġni ta' diskrezzjoni tal-Istati Membri fl-ibbilanċjar tal-interessi kunfligġenti³⁹, dan ma huwiex biżżejjed sabiex jiġi pprovat ksur. Dan jidher b'mod partikolari mill-Artikolu 22(2) tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali. Skont din id-dispożizzjoni, it-terminu għall-konformità mal-valuri limitu ta' PM₁₀ tista' tiġi estiża, taħt ċerti kundizzjonijiet, mill-1 ta' Jannar 2005 sal-11 ta' Ġunju 2011. Dan kien perijodu ta' nuqqas ta' konformità addizzjonali mal-valuri limitu ta' tul simili, aċċettat mil-leġislator tal-Unjoni.

³⁹ Ara l-punt 73 ta' dawn il-konklużjonijiet.

103. Barra minn hekk, il-possibbiltà ta' tali estensjoni tat-terminu ngħatat lill-Istati Membri kollha, irrispettivament mill-punt tat-tluq u l-kapaċità ekonomika tagħhom. Madankollu, huwa ċar li l-konformità mal-valuri ta' limitu għall-PM₁₀ hija sfida partikolarment kbira għall-Bulgarija minħabba l-prattiki eżistenti tat-tisħin. Minbarra dan, li wieħed jidħol għal din l-isfida jinvolvi spejjeż kunsiderevoli, li joħlqu piż ikbar għall-Bulgarija milli għal Stati Membri oħra minħabba s-sitwazzjoni ekonomika tagħha.

104. Għaldaqstant, perijodu ta' kważi seba' snin sal-konformità mal-valuri limitu għall-PM₁₀ ma huwiex evidentement twil wisq, għall-inqas fil-każ tal-Bulgarija.

105. Ċertament, dan ma jeskludix li, f'ċerti każijiet, jew saħansitra fuq il-livell nazzjonali, il-valuri limitu jkunu jistgħu jiġu osservati iktar malajr. Dan huwa sostnut b'mod partikolari mill-kritika tal-Kummissjoni li ċerti miżuri nazzjonali, bħall-istandards għall-karburanti solidi jew l-infurzar tagħhom, ġew introdotti relattivament tard. Il-Bulgarija ma kkontestatx din il-kritika.

106. Madankollu, għalkemm introduzzjoni iktar rapida ta' dawn il-miżuri x'aktarx li kienet ittejjeb il-kwalità tal-arja, il-Kummissjoni ma wrietx li dan, waħdu, kien ikun biżżejjed biex ikun hemm konformità mal-valuri limitu qabel. Għall-kuntrarju, il-konstatazzjoni li l-perijodu ta' eċċess tal-valuri limitu ma huwiex "qasir kemm jista' jkun" tkun teħtieġ revizzjoni konkreta fir-rigward tal-pjanijiet lokali rispettivi dwar il-kwalità tal-arja. Bħala regola ġenerali, ikun meħtieġ ukoll li jiġi mistħarreġ l-ibbilanċjar tal-interessi kunfliġġenti, li jkun possibbli biss fuq il-bażi ta' pjanijiet lokali dwar il-kwalità tal-arja. Fil-fatt, huma biss dawn il-pjanijiet li jistgħu jiżvelaw ir-raġuni għalfejn ċerti miżuri ma ġewx implimentati qabel fil-post rispettiv. Peress li l-Kummissjoni ma eżaminatx dawn il-pjanijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax għalhekk tikkonstata li l-perijodu ta' nuqqas ta' konformità ser ikun twil wisq f'ċert każijiet, jew saħansitra globalment.

e) Konklużjoni intermedja

107. Konsegwentement, l-argumenti tal-Kummissjoni ma humiex suffiċjenti sabiex jiġi stabbilit li, sal-preżent, il-Bulgarija naqset milli tikkonforma ruħha mas-sentenza tal-5 ta' April 2017 fir-rigward tal-obbligi tagħha skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(1) tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali.

C. Pagament ta' penalità u somma f'daqqa

108. Abbażi tal-konstatazzjonijiet li saru s'issa, ma hemm l-ebda raġuni biex jiġi impost pagamento ta' penalità⁴⁰. Somma f'daqqa minħabba l-konformità insuffiċjenti mas-sentenza fid-9 ta' Frar 2019 lanqas ma tidher loġika għaliya, peress li l-Bulgarija għandha pjuttost tinvesti r-riżorsi skarsi li hija għandha fit-titjib tal-kwalità tal-arja.

VI. Fuq l-ispejjeż

109. Skont l-Artikolu 138(3) tar-Regoli tal-Proċedura, kull parti għandha tbatlha l-ispejjeż tagħha meta, bħal f'dan il-każ, it-tnejn ikunu parzjalment rebħu u parzjalment tilfu.

⁴⁰ Ara s-sentenza tas-17 ta' Ottubru 2013, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-533/11, EU:C:2013:659, punt 64).

VII. Konklużjoni

110. Għaldaqstant nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi kif ġej:

- 1) Fid-9 ta' Frar 2019, ir-Repubblika tal-Bulgarija kienet għadha ma kkonformatx b'mod sħiħ mas-sentenza tal-5 ta' April 2017 fir-rigward tal-obbligu tagħha skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(1) tad-Direttiva 2008/50/KE dwar il-kwalità ta' l-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa.
- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Bulgarija għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.